MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 856/2007

**Francis Busuttil & Sons Limited**

**vs**

**Eden Leisure Group Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Francis Busuttil & Sons Limited, li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

Il-partijiet kienu dahlu f’kuntratt permezz ta’ liema l-attrici kellha tissupplixxi merkanzija lill-konvenuta li min-naha taghha intrabtet li thallas lura permezz ta’ reklami u servizzi ohra kif jirrizulta mill-anness Dokument A;

A bazi ta’ dan il-ftehim, l-attrici kkonsenjat merkanzija tal-valur ta’ Lm15,645.950 liema merkanzija ntuzat mill-konvenuta ghall-beneficcju taghha.

Il-konvenuta baqghet ma onoratx il-parti tal-ftehim taghha billi ma ssupplietx is-servizzi pattwiti u ghalhekk ghad ghandha thallas lill-attrici.

Interpellati sabiex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet is-socjeta' konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li l-konvenuta ma hallsitx lill-attrici tal-merkanzija lilha kkonsenjata a tenur tal-ftehim bejn il-partijiet;

Tikkundanna lill-konvenuta tirrendi s-servizzi pattwiti bhala hlas tal-merkanzija premessa u fin-nuqqas li dan isehh fi zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa tordna lill-konvenuta thallas l-import relattiv fi flus kontanti.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja tal-merkanzija u bl-ispejjez.

Il-konvenuti u jew rapprezentanti taghhom huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Simon De Cesare ghan-nom ta' Eden Leisure Group Limited, li in forza taghha eccepixxa illi:

It-talbiet tas-socjeta' rikorrenti (**FBS**) huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

i. Huwa ferm stramb li dan ir-rikors gie intavolat il-fuq minn seba' snin wara l-iskadenza tal-kuntratt, cioe' mis-6 ta' Gunju tas-sena elfejn, ai termini ta' liema r-rikorrenti qed tressaq il-pretenzjonijiet taghha.

ii. Ukoll, f'dan ir-rigward, wiehed jinnota li bejn Gunju tas-sena 2000 u Awissu tas-sena 2005, ma saret ebda komunika mill-FBS lill-ELG dwar din il-pretenzjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-FBS huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

i. Kienu l-FBS stess li ma onorawx il-pattijiet u l-konvenzjonijiet miftehma;

ii. Diversament minn kif ir-rikorrenti, a paragrafu (1) tar-rikors promotorju, qieghda tipprova tpingi r-relazzjoni kuntrattwali li kienet tezisti bejn l-FBS u l-ELG, il-partijiet kienu ftehmu s-segwenti:

a. Is-socjeta' FBS obbligat ruhha li tixtri minghand is-socjeta' intimata (ELG) servizzi ta' valur kumplessiv ta' Lm37,500 (Lm10,000 fis-sena sa Gunju 1999 u Lm7,500 sa Gunju 2000); u

b. In konsiderazzjoni ta' dan, is-socjeta' ELG obbligat ruhha li tixtri minghand l-FBS, il-prodotti ta' l-FBS sabiex dawn imbaghad jinbieghu mill-istabbilimenti ta' l-ELG gewwa San Giljan u l-Fgura; u

c. Kellha ssir tpacija bejn l-FBS u l-ELG sal-valur ta' Lm37,500 tul il-perjodu li skada fil-5 ta' Gunju 2000; jigifieri, sal-valur ta' Lm37,500 ma kellu jsir ebda hlas ta' flus bejn il-partijiet izda biss tpacija;

iii. Dak li gara kien li l-ELG, sabiex tadempja ruhha mal-kuntratt tas-6 ta' Gunju 1996, forniet lill-FBS, kreditu ta' Lm10,000 fis-sena ghall-perjodu sal-5 ta' Gunju 1999 u Lm7,500 ohra fi kreditu ghall-perjodu sal-5 ta' Gunju 2000. Kreditu kumplessiv ta' Lm37,500 ghal perjodu kollu tal-kuntratt;

iv. L-FBS, ukoll, ai termini tal-kuntratt, forniet lill-ELG, kreditu kumplessiv ta' Lm37,500 ghall-perjodu kollu tal-kuntratt;

v. Il-kreditu fornit mill-ELG kien disponibbli lill-FBS sabiex dawn juzawh inter alia ghall-avvizi/marketing promotions u s-servizzi kollha l-ohra ta' l-ELG (ukoll avvizi fuq Bay Radio, Cinema Tickets u Bowling Games);

vi. Il-kreditu fornit mill-FBS kien disponibbli lill-ELG sabiex dawn juzawh ghax-xiri ta' prodotti forniti mill-FBS;

vii. Ai termini tal-kuntratt, ELG pprocediet billi matul is-snin tixtri l-prodotti ta' l-FBS;

viii. Sal-gurnata ta' l-iskadenza tal-kuntratt, l-FBS kienet obbligat ruhha li tutilizza servizzi ta' l-ELG ghall-valur kumplessiv ta' Lm37,500. Fin-nuqqas, l-FBS kienet ser titlef il-kreditu moghti lilha. Dan kien ben risaput u accettat mill-FBS u d-diretturi taghha u hu kkonfermat mill-FBS hekk kif jidher bla dubju ta' xejn mill-Fax tat-18 ta' Marzu 1999, fejn Amadeo Abela, ghall-FBS, jghid: "***We confirm, however, our agreement to the amount of Lm30,000 to be spent by us on advertising during the period June 1996 to June 1999 (i.e. Lm10,000 a year)***" u "***We notice that you have accepted our proposal of*** (FBS) ***spending Lm7,500 during the period June 1999 and June 2000***" u "***Rest assured, however, that this amount will be spent in full***" – **Dok. ELG1**;

ix. Sal-gurnata ta' l-iskadenza tal-kuntratt, l-ELG uzat il-kreditu kollu fornit lilha minghand l-FBS;

x. Sal-gurnata ta' l-iskadenza tal-kuntratt, l-FBS utilizzat sitta u ghoxrin elf, sitt mija, tlieta u sebghin Lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm26,673.46), mill-kreditur komplessiv ta' Lm37,500.00;

xi. FBS, ghal ragunijiet kompletament attribwibbli lilha stess u mhux lill-ELG, naqset milli tutilizza l-kreditu kollu; ELG m'ghandhiex tbati l-ebda konsegwenza ta' dan. F'dan ir-rigward, wiehed jinnota li kien ikun ferm facli ghall-FBS li taghmel uzu tas-servizzi ta' l-ELG ghax dawn kellhom disponibbli lilhom, fost servizzi ohra, avvizi gewwa l-istabbilimenti kollha ta' l-ELG, Cinema Advertising (kemm slide advertising kif ukoll permezz ta'

35mm reel), Cinema Tickets u Radio Advertising fost ohrajn;

xii. Il-kreditu ghalaq fl-istess gurnata ta’ l-iskadenza tal-kuntratt u cioe’ fil-5 ta’ Gunju 2000 u l-FBS, sa minn dik id-data, ma kinitx intitolata ghall-bilanc tal-kreditu;

xiii. Din it-tezi hija ukoll accettata mill-FBS stess li fis-“Statements of Account” li harget kontra l-ELG sa mis-sena 2000 ‘l hawn, ebda ammont naxxenti mill-kuntratt in kwistjoni ma jidher li kien dovut lill-FBS mill-ELG – ara statements mahruga mill-FBS hawn annessi bhala **dokumenti ELG2 sa ELG7**;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta’ Lm15,645.950 pretiz mill-FBS ma huwiex korrett ghax l-FBS utilizzat sitta u ghoxrin elf, sitt mija, tlieta u sebghin Lira u sitta u erbghin centezmu (Lm26,673.46) mill-kreditu kumplessiv ta’ Lm37,500.00. Il-bilanc, l-FBS tilfitu ma’ l-gheluq tal-kuntratt.

Ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ intimata.

<u>Fatti</u>

Jirrizulta illi fis-6 ta’ Gunju 1996, il-partijiet ftehmu permezz ta’ kuntratt illi s-socjeta’ rikorrenti kellha tissupplixxi merkanzija lil dik intimata li kellha thallas lura

permezz ta' reklami u servizzi. Dan il-ftehim originarjament kellu jorbot lill-partijiet ghal sena, pero' baqa' jigi mgedded sas-sena 2000. Jirrizulta li meta skada l-ftehim baqa' ammont ta' zbilanc bejn dak li ssupplixxiet FBS (Francis Busuttil & Sons) u s-servizzi li gew rezi mill-Eden Leisure Group (ELG). Meta skada l-ftehim, ELG baqghu jixtru minghand FBS, pero' bdew ihallsu ghall-merkanzija bil-flus. FBS issa qed titlob li tigi kompensata ghall-merkanzija jew b'servizzi jew bi flus. ELG qed tinvoka preskrizzjoni a tenur ta' l-Art. 2156 (F) tal-Kap. 16. FBS tinsisti li l-kreditu taghha baqa' dejjem rikonoxxut.

In linea ta' principju jinghad illi:

"*La ragione per cui l'ordinamento guridico riconnette all'inerzia del titolare, protratta nel tempo, l'estinzione del diritto soggettivo consiste nell'esigenza di certezza dei rapporti giuridici. Invero, per il fatto che un diritto soggettivo non viene esercitato, si forma nella generalita' delle persone la convinzione che esso non esiste e' stato abbandonato. D'altro canto, sorgendo contestazioni, riesce difficile, quando sia decorso notevole periodo di tempo, la dimostrazione della nascita e correlativamente dell'estinzione di un rapporto giuridico: chi conserva piu', a distanza notevole di tempo le ricevute per provare che un pagamento e' stato effettuato?*" (Torrente Schlesinger p. 141, 10th edition).

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Wallace Fino vs Kontrollur tad-Dwana" (deciza fit-3 ta' Ottubru 2003), irriteniet illi:

"*... l-preskrizzjoni hi sostantivament kollokata mal-meritu tat-talba, rikonoxxuta fl-interess pubbliku bl-iskop li jigi eliminat il-kuntrast bejn sitwazzjoni ta' fatt u sitwazzjoni ta' dritt, u rikjesta wkoll mill-esigenza li tigi assikurata certezza fir-rapporti guridici. Hi allura mod ta' estinzjoni tad-drittijiet rikondotta ghall-ideja tar-rinunzja tacita tat-titolari tad-dritt. Li jfisser illi l-Qorti hi fid-dmir li taccerta ruhha jekk il-meritu jinsabx affettwat mill-fatt illi l-pretendent tat-talba kienx jaf bl-istat ta' fatt li kien jintitolah jezercita dritt u hu halla dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma agixxa ghad-dritt tieghu, fiz-zmien utli.*

*Cirkostanza din li tincidi fuq il-meritu jekk jinsab illi bl-inazzjoni tieghu huwa gie li rrinunzja ghall-prosegwiment tad-dritt.*”

Ukoll, fil-kawza “Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma vs Oil and Construction International Limited” (deciza 28 ta’ April 2004), il-Qorti ta’ l-Appell regghet qalet:

“*In linea generali huwa dottrinalment ritenut illi l-preskrizzjoni hi definita bhala mod ta’ estinzjoni tad-dritt fejn il-fondament taghha hu rikondott ghar-rinunzja tacita da parti tat-titolar tad-dritt. Abbinat ma’ din it-tifsira jinghad ukoll illi l-esigenza tal-preskrizzjoni hi dik li tigi assigurata c-certezza tar-rapporti guridici. Dan johrog sew mil-ligi taghna ad exemplum fl-Artikoli 2107 (2), 2112, 2113, u 2115 (1) tal-Kodici Civili. Hu car ukoll illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma hijiex wahda ta’ ordni pubbliku tant li hi rizervata biss, bl-operat tal-ligi, ex-Artikou 2111 tal-Kap 16, lill-parti interessata.*”

Fil-kawza “Ellul vs Vella” (deciza fit-8 ta’ Mejju 2001), il-Qorti ta’ l-Appell sostniet:

“*... li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura illi l-azzjoni tigi ezercitata entro terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontenenti jigu debitament accertati, kienet minnha nnifisha odjuza u kellha allura tigi applikata restrittivament. Premessa din li naturalment ma tfissirx illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma kellhiex tinghata fejn il-ligi hekk tippermetti u ma kellhiex tigi mill-Qorti debitament milqugha.*”

Fil-kawza “Montebello vs Montebello” (deciza fil-25 ta’ Settembru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili mill-Imhallef J. R. Micallef), intqal illi:

“*Illi dwar <u>l-aspetti legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami</u> għandu jingħad li dawn jintrabtu kemm man-natura tal-eċċezzjoni fiha nfisha, u kif ukoll mal-effikaċja li trid tintwera minn min iqanqalha. Il-Qorti trid tagħmel dan fl-isfond ta’ verżjonijiet mogħtija mill-partijiet dwar il-ġrajjiet li*

*seħħew, u kif ukoll minn dawk il-fatti li ma jiddependux mill-fehma suġġettiva tal-istess partijiet. Jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni hija istitut li huwa proċeduralment meħtieġ daqskemm huwa odjuż, u meta ġudikant jiġi mitlub jiddeċiedi fuq eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal għall-fehma tiegħu fuq fatti ċari u mhux konġetturi.*"

Il-Qorti f'dik il-kawza kompliet:

"*... hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi għandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni.*"

Fil-fuq citata "Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma vs Oil and Construction Limited", il-Qorti kompliet hekk:

"*Fil-kaz, allura, li titqajjem il-preskrizzjoni l-unika procedura konsentita kienet dik li l-attur jipproduci provi dwar l-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-perijodu preskrittiv jew dwar l-ammissjoni tal-kreditu da parte tal-konvenut debitur tieghu jew li l-attur jissodisfa lill-Qorti li l-preskrizzjoni eccepita ma kienetx applikabbli ghal kaz. Kif pacifikament stabbilit, "il-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqa mhux biss bil-gurament decizorju izda wkoll billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita m'hijiex ammissibbli, jew li kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha" (**Kollez. Vol. XXX pI p998**; **Vol XXXVII pII p626**).*"

Biex issostni l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur ta' l-Art. 2156 (F), u cioe' dik ta' hames snin, is-socjeta' intimata ressqet bhala xhud lil Ian Decesare, Manager Director taghha, li kkonferma illi:

"*Mill-2000 'l hawn ma kien hemm l-ebda trattattivi ghaddejjin dwar il-bilanc. Ghar-rigward ta` bilanc li seta` kien hemm qatt hadd ma tkellem dwarhom. Illi sirna nafu li seta` kien hemm problema u bil-miktub kien meta giet*

*intavolata din il-kawza. Fis-sena 2006 kienet saret referenza meta r-rapprezentanti tas-socjeta` taghna kienu marru jimmarketjaw xi event mhux relatat xejn ma` dan, kienet saret referenza li jista` jkun hemm xi bilanci ghadhom pendenti.*"

Jghid ukoll:

"*Ghandi nghid illi mis-sena 2000 'l hawn qatt ma deher xi ammont outstanding fuq il-kontijiet li kienu jibghatulna. Fuq l-istatements taghhom ma kien jidher xejn outstanding. L-ewwel darba li bdew jidhru fuq l-istatement kien meta bdiet din il-kawza. Dawn l-ammonti ma kienux jidhru fl-istatements lanqas meta konna ghaddejjin bi trattattivi mill-2006 'l hawn. Bdew jidhru meta bdejna nsaqsuhom ahna jghidulna x`kienu qieghdin jippretendu.*"

Huwa pprezenta ukoll kopji ta' statements mahrugin minn FBS fejn ebda ammont relatat mal-ftehim originali qatt ma deher (ara Dok. ELG 2-3-4-5-6-7) [fol. 23 et seq.].

FBS, min-naha taghha ssostni illi ELG rrikonoxxiet id-debitu taghha u ressqet bhala prova diversi rapprezentanti taghha.

Geraldine Spiteri tikkonferma li f'laqghat mal-marketing manager ta' dak iz-zmien ta' ELG, hija bdiet titkellem dwar servizzi u qamet il-kwistjoni ta' xi bilanci pendenti. Hija tghid li tkellmet ukoll ma 'finance manager' ta' ELG li ghaddielha dokument li juri bilanci (dokument esebit a fol. 5). Madanakollu, din il-persuna qatt ma ssemmiet b'isimha u qatt ma ttellghet tixhed. Lanqas ma tressqet bhala xhud l-istess marketing manager ta' ELG ta' dak iz-zmien.

Sussegwentement, sar l-istess ezercizzju ma' Kate Decesare, marketing manager sussegwenti, li ukoll iddiskutiet ma' rapprezentant ta' FBS, Lucrecia Dufoo, xi ammonti pendenti. Din ta' l-ahhar ukoll xehedet permezz ta' affidavit (fol. 68).

FBS tistrieh principalment fuq email mibghutha minn Kate Decesare lil Lucrecia Dufoo ta' FBS fejn din tghid li qed

tesplora kif jista’ jintuza l-bilanc pendenti (fol. 72). Madanakollu, l-istess Kate Decesare, li l-Qorti kellha l-okkazjoni tisma’ tixhed viva voce u in kontro-ezami tispjega hekk:

“*Ghamlitli xi kontijiet outstanding illi jien ma kellhiex idea taghhom. Kont ghidilha illi kont se nithol fil-problema u nissuggerixxi kif nistghu nsolvuha. Is-suggerimenti kienu gew minn sitwazzjonijiet simili illi konna ddiljajna maghha. Meta baghat dan l-email, kont kellimt lid-Dipartiment ta` l-accounts li kienu nfurmawni li ma kellhomx idea li kien hemm xi ammonti outstanding. Kont kellimt ukoll lil Simon Decesare li kien jokkupa l-kariga ta` cinema manager. Ukoll skond hu ma kien hemm xejn outstanding. Ghalhekk jiena lis-Sinjura Dufoo ghidilha li ma ghadhiex kwistjoni tieghi u ghaddejt kollox lil … Decesare li kien ic-cinema manager dak iz-zmien.*”

Ian Decesare jikkonferma:

“*Sirt naf illi kellhom dawn il-pretenzjonijiet Francis Busuttil & Sons fis-sena 2006 meta gew isaqsuni x`kien hemm outstanding minn dak il-ftehim.*”

Franco Busuttil, fl-affidavit tieghu, jikkonferma ukoll:

“*Fil-fatt kont gejt mistieden mis-sinjuri Decesare bil-ghan li nsibu soluzzjoni ghal din il-kwistjoni izda min-naha ta’ Ian Decesare kien hemm biss offerta’ ghas-saldu ta’ xi elfejn Lira Maltin (Lm2000) liema offerta’ jiena aktar ikkunsidrajt bhala wahda offensiva in vista ta’ l-ammont li kien ghadu dovut.*”

Dwar dan, Ian Decesare jispjega:

“*Wara t-2006, jiena kont ipproponejt illi jsirilhom discount tajjeb fuq il-proposal li kien sar rigward advertising, relazzjonijiet bejn iz-zewg socjetajiet jibqghu tajbin. Ma kinitx kwistjoni ta` barter. Kont ghamiltilhom proposta li swiet 8 elef u offrejt illi naghtuhomlhom b`ammont hafna inqas.*”

Fid-dawl tal-provi prodotti, allura, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Imhallef Ph. Sciberras), fil-kawza 'Psaila vs Slabick' (deciza 9 ta' Frar 2005), fejn il-Qorti rriteniet illi:

"*Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**).*"

Fl-istess sentenza, il-Qorti pprecizat b'referenza ghall-Art. 2133:

"*Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts.*"

Il-Qorti tinnota li d-dokument mhux awtentikat li FBS issostni wasal mill-accounts ta' ELG ma gie konfermat bl-

ebda mod minn min hargu u ghalhekk, il-Qorti ma thossx li ghandha tistrieh fuqu.

Is-socjeta' rikorrenti, fin-nota taghha tissottometti ukoll li l-bqija ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata ghandhom iwasslu ghal cahda ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex jammontaw ghall-eccezzjoni ta' kompensazzjoni.

Huwa minnu illi, kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Lapira vs C & A Company Limited" (deciza fit-2 ta' Gunju 2003):

"*Naturalment jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata jekk per ezempju, d-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza jpoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni. Tali hu l-kaz fejn id-debitur oltre l-preskrizzjoni jeccepixxi wkoll il-kompensazzjoni*" (ara ukoll "Fenech vs Bellia", deciza fid-29 ta' Jannar 1960).

Fil-kaz in ezami, madanakollu, din il-Qorti ma tistax tqis li ELG eccepiet il-kompensazzjoni. Il-Qorti tifhem illi hija l-istess natura tal-ftehim li kien wiehed ta' tpartit ta' merkanzija ma' servizzi.

Is-socjeta' intimata m'hijiex issostni li b'xi mod xejnet il-bilanc. Hija ssostni li l-bilanc intilef wara l-ghelu q tal-ftehim. M'hija bl-ebda mod issostni illi hallset xi haga u b'hekk spicca d-dejn. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li din is-sottomissjoni ma tregix.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Eden Leisure Group Limited u tiddikjara li t-talbiet ta' Francis Busuttil & Sons Limited huma preskritti a tenur ta' l-Art. 2156(F) tal-Kap. 16.

L-ispejjez jithallsu minn Francis Busuttil & Sons Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------